MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 476/2008

**Taha Hussein u Theresa konjugi Kuymizakis**

**Vs**

**Mayfair Holdings Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih l-atturi, wara li qalu illi:

L-atturi kienu sellfu lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) ossija disa u sittin elf u disa mitt Euro (€69,900) u dana permezz ta’ skrittura pubblika fl-atti tan-Nutar Mark Coppini datata 31 ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004).

Illi minn dakinhar tal-kuntratt il-hawn, is-socjeta` kovnenuta ghaddiet pagamenti fil-valur ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin, ossija hamest elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin Euro (€5,825), u ghad fadal bilanc ta' sebgha u ghoxrin elf u hames mitt Liri Maltin (Lm27,500) ossija erbgha u sittin elf u hamsa u sebghin Euro (€64,075);

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi tali flejjes, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' April, 2007, izda minkejja tali interpellanza, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

Peress illi jesistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 167 (1) (b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, stante illi s-socjeta` konvenuta ma ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet segwenti:-

Talbu illi din il-qorti;

Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili;

Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma ta' erbgha u sittin elf u hamsa u sebghin Euro (€64,075), rappresentanti il-bilanc tas-self mghoddi lis-socjeta` konvenuta u mhux imhallas;

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' erbgha u sittin elf u hamsa u sebghin Euro (€ 64,075).

Bl-ispejjez u l-imghax mid-9 ta' Awissu, 2007, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1202/07 tad-9 ta' Awissu, 2007 kontra s-socjeta` konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------